ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2023

IT-TMIEN SENA **IL-MALTI (L-ORALI)** **Il-ĦIN: 10 minuti**

IL-KARTA TAL-ISTUDENT (KARTA 2)

2A: Il-Qari Mgħajjat 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

*Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra **part**i minn din **is-silta**. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.*

Is-silta: Il-Jum Dinji tal-Ambjent

Il-Jum Dinji tal-Ambjent jiġi ċċelebrat fil-5 ta' Ġunju ta' kull sena biex ifakkar lin-nies dwar l-importanza tan-natura. Il-ġurnata hija ċċelebrata madwar id-dinja biex tinforma lin-nies li n-natura għandna nieħdu ħsiebha. (par.1)

Fis-sena 1972 kien hemm konferenza importanti ħafna dwar l-ambjent magħrufa bħala l-Konferenza dwar l-Ambjent Uman. Aktar tard dik is-sena, fil-15 ta' Diċembru, l-Assemblea Ġenerali ddeċidiet li l-5 ta' Ġunju jkun il-Jum Dinji tal-Ambjent u ħeġġet lill-Gvernijiet biex, dakinhar kull sena, jorganizzaw attivitajiet mad-dinja kollha biex juru t-tħassib tagħhom dwar dak li qiegħed jiġri fl-ambjent, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kuxjenza ambjentali dwar l-importanza tar-restawr tal-ekosistema. (par.2)

L-ekosistema hija l-interazzjoni ta' pjanti, annimali u organiżmi żgħar f'ċertu ambjent. Minħabba ż-żieda fis-sħana tad-dinja u t-tniġġis, ħafna ekosistemi qegħdin ibatu. Anki int tista' tgħin biex tipproteġi l-pjaneta u l-ekosistemi tagħha billi tbiddel l-istil tal-ħajja ta' kuljum tiegħek. (par.3)

Dan tista' tagħmlu billi: tnaqqas, terġa' tuża u tirriċikla; tinvolvi ruħek fit-tindif tal-komunità tiegħek; teduka lilek innifsek u lil ħaddieħor; taħli inqas ilma; tixtri bil-għaqal u inqas plastik; tuża bozoz tad-dawl li jdumu fit-tul; u tuża aktar ir-rota. (par.4)

(silta meħuda u addattata minn din il-ħolqa: https://skoperta.net/2021/06/05/il-jum-dinji-tal-ambjent-kif-nistghu-nghinu-biex-nipprotegu-l-ekosistema-taghna/)

2B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni. Tista' tikkwota mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. Taħseb li kien hawn il-bżonn li jkollna Jum Dinji ddedikat lill-ambjent? Għaliex?

2. X'attivitajiet jistgħu jsiru f'dan il-jum speċjali sabiex inkomplu noħolqu kuxjenza favur l-ambjent?

3. Mil-lista msemmija ta' x'jista' wieħed jagħmel biex jipproteġi l-pjaneta, hemm xi affarijiet li tagħmilhom diġà? Liema huma?

4. Kif tista' tikkonvinċi lil ħaddieħor sabiex jagħmel xi wħud mill-affarijiet imsemmija f'din is-silta?

2Ċ: It-Taħdit 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

*Mal-eżaminatur ser tiddiskuti titlu **wieħed** minn dawn t'hawn isfel. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskursata. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-ħsibijiet tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.*

Agħżel titlu bejn **A jew B.**

A. It-Tniġġis tal-Ambjent

JEW

B. Il-Bidla fil-Klima